Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 51/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 13 t' Awwissu 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Ray Azzopardi	~~Viċi Sindku~~	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

51. 1 Ittri ta' Apoloġija

51.1.1 Il-President semma li s-Sur Marco Agius, Is-Sur Jorge Grech, is-Sur John Boxall, u s-Sur Joseph Abela Galea talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

51.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.50

51.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 50 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clayton Portelli Cascun, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

51.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 44

51.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Clive Pulis ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Lulju 2025 u t-13 t' Awwissu 2025 li kienet tammonta għall-€377,697.25

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

51.4 Punti maħruġa mill-Minuti tal-Laqgħa Nu. 50

51.4.1 Skema Reġjun Port

Il-President semma li b' referenza għall-iskema imħabbra mir-Reġjun kienu daħlu 4 sottomissjonijiet:

- Kunsill Lokali Fgura li kien qed jipproponi li jsir dokumentarju fuq il-Foss.
- Kunsill Lokali Bormla propona li dawn il-fondi jintużaw għall-Bormla Film Festival
- Kunsill Lokali Paola propona li dawn il-fondi jintużaw għall-festa organizzata mill-Kunsill b' kollaborazzjoni mal-Biċċerija nhar 18 ta' Settembru
- Kunsill Lokali Birgu propona li dawn il-fondi jużahom bħala parti mill-ispejjeż sabiex tkun organizzata minn Pjazza għall-Pjazza

Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis kien hemm qbil li dawn il-proposti għandhom ikunu milqugħha.

51.4.2 Proġett Integrarti

Il-President xtaq jirringrazzja lill-Kunsilli li qed jikkoperaw anki sabiex ikun jista' jsir dan il-proġett. Is-Sur Wayne Aquilina semma li huwa proġett tajjeb u xtaq ukoll li jkun jaf kemm qed jiswa dan il- proġett. Is-Segretarju Eżekeuttiv semmiet li dan il-proġett kif indikat mir-riklami huwa ffinanzjat mill-Kunsill Malti għall-Arti għas-somma ta' €20,000 li għalih kien hemm applikazzjoni għall-fondi fis-sena 2024. Semmiet ukoll li r-Reġjun qed joħroġ ukoll il-ko-fiannzjament tal-proġett kif stipulat mill-applikazzjoni.

51.4.3 Ġbir ta' skart bil-lejl

Il-President semma li kien hemm laqgħa ta' konsultazzjoni li ssejħet minn Transport Malta, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn għaliha kienu mistiedna r-Reġjuni u l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Semma li iktar kienet laqgħa ta' informazzjoni milli konsultazzjoni. Semma wkoll li r-Reġjun Port biss preżenta rapport wara konsultazzjoni li saret mal-kolletturi u anki l-Kunsilli Lokali.

51.4.4 Intervisti għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-President semma li r-Reġjun ser jibqa' ma' dak li ddeċieda fil-laqgħat preċidenti. Għaldaqstant, il-proċess jinżamm sospiż.

51.4.5 Kunsill Lokali Kalkara – Ħlasijiet pendenti tal-Ġbir ta' skart

Il-President semma li l-Kunsill tal-Kalkara insista li mhuwiex ser iħallas il-ħlasijiet pendenti relatati ma' ġbir ta' skart. Dan wara li deher biċ-ċar li wara li r-Reġjun għamel il-moniteraġġ meħtieġ, inqabad li t-tunelatti ta' skart miġbur mill-Kalkara kien ferm inqas minn dak li kien qed jiġi rekordjat mill-kuntrattur. Is-Sindku semma li t-tunellati baqgħu l-istess fl-aħħar 10 xhur għaldaqstant, il-piż li jinġabar mill-Kalkara huwa stabbilit u l-Kunsill jirriserva d-dritt li ma jħallasx il-kontijiet

pendenti u anki li jfittex ir-Reġjun sabiex jiġi rifondut il-ħlasijiet żejda li ħallas il-Kunsill.
Il-President ikkonferma li ser ikun qed jiltaqa' wkoll mal-avukat tar-Reġjun sabiex jara l-punt legali.
Il-President semma li kien għadu qed jistenan wkoll sabiex kemm id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll id-Dipartiment tal-Kuntratti japprova l-multa ta' €650 li tnaqsu mill-kont ta' Lulju. Il-President semma li kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun qabel ma' jkun hemm l-approvazzjoni ta' dawn il-multi, ir-Reġjun ma kienx ser jibgħat il-pagament.
Is-Sur Clayton Portelli Cascun semma li huwa jinstab ukoll diżapuntat mis-sistema fejn jidher li r-Reġjun qed ikollu jħallas ukoll ġbir ta' skart li jsir mil-knies. Dan għaliex jidher li l-kolletturi kollha jadħmu flimkien sabiex ammont ta' tipping fees jgħaddi fuq ir-Reġjun.
Il-President għamilha ċara li skart mħallat mill-każini ma jistax jinġabar.

51.4.6 Reġjun tal-Kultura 2026

Il-President semma li l-proċess ta' akwist għal Direttur Artistiku kien ġie fi tmiemu wara li kien hemm l-approvazzjonijiet kollha neċessarji anki mill-Ministeru tal-Finanzi.
Semma li s-sejħa għal-logo tar-Reġjun Kulturali u l-branding manual kienet magħluqha wkoll u ser ikun hemm l-evalwazzjoni tal-logo minn board indipendenti u li l-logo finali ser jitħabbar fl-AGM.

51.4.7 AGM

Il-President semma li l-AGM ser issir nhar 27 ta' Settembru filgħodu fil-pjazza ta' Raħal Ġdid. Semma li ser tkun qed tiġi mnedija l-viżjoni tar-Reġjun Kulturali, il-logo, ħarsa lejn il-proġetti li saru u dawk li hemm pjanati kif ukoll pjan ta' ħidma għal dak li ġej.

51.4.8 Skema ta' Bike Racks minn TM

Il-President semma li kien għad fadal xi ritratti taż-żoni li wħud mill-Kunsilli Lokali kienu għad iridu jibgħatu sabiex tingħlaq l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

51.4.9 Mandat ta' sekwstru – ex-Segretarju Eżekuttiv

Il-President kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv semmew li minkejja d-diversi komunikazzjoni mal-avukati tar-Reġjun kif ukoll wieġħda min-naħa tal-avukati li ser jirrispondi mill-aktar fiss possibbli.

51.4.10 Skema ta' Bike Racks minn TM

Il-President semma li kien għad fadal xi ritratti taż-żoni li wħud mill-Kunsilli Lokali kienu għad iridu jibgħatu sabiex tingħlaq l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

51.5 Aġġornament

51.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 22 ta' Settembru 2025 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv